Il-Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/0311(COD)

10.11.2023

EMENDI
370 - 480

Abbozz ta' rapport
Lucia Ďuriš Nicholsonová
(PE754.831v01-00)

Li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

Proposta għal direttiva
(COM(2023)0512 – C9-0328/2023 – 2023/0311(COD))

Emenda 370
Cindy Franssen, David Casa, Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-finanzjament xieraq ikun disponibbli għall-Istati Membri biex jindirizzaw l-ispejjeż relatati mal-forniment ta' informazzjoni u l-obbligi li jqajmu kuxjenza taħt dan l-Artikolu u l-Artikolu 15 tad-Direttiva.

Or. en

Emenda 371
David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***mingħajr ma jipperikolaw l-aċċess għall-kard għal persuni b'diżabilità***.

Or. en

Emenda 372
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jevitaw ir-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi u għandhom jiġġieldu b'mod attiv l-użu frawdolenti u l-falsifikazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u persuni akbar fl-età***.

Or. en

Emenda 373
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet Ewropej jeħtieġ li jxerrdu informazzjoni u taħriġ dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabilità fuq bażi kontinwa, permezz ta' taħriġ suċċessiv u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar l-użu tagħha, f'formati li jiżguraw aċċessibbiltà universali u bil-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentanti tagħhom. Din l-informazzjoni jenġtieġ li tinkludi b'mod ċar in-natura volontarja tal-kard. Linji ta' finanzjament speċifiċi jenħtieġ li jkunu disponibbli fi ħdan l-Unjoni għal dan il-għan.

Or. en

Emenda 374
David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-frodi pubblika, speċjalment fil-qasam tal-benefiċċji soċjali, tiġi investigata fil-pront u bir-reqqa u, fejn rilevanti, imħarrka, biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 375
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jirritornaw il-kards tagħhom lill-awtorità kompetenti ladarba l-kundizzjonijiet li taħthom ikunu nħarġu ma jibqgħux jiġu ssodisfati.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** jew ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u persuni akbar fl-età*** jirritornaw il-kards tagħhom lill-awtorità kompetenti ladarba l-kundizzjonijiet li taħthom ikunu nħarġu ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

Or. en

Emenda 376
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'każ li jiltaqgħu ma' każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards maħruġa minn Stat Membru ieħor fit-territorju tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun ħareġ	5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'każ li jiltaqgħu ma' każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards maħruġa minn Stat Membru ieħor fit-territorju tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun ħareġ

il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jiġu informati. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.	il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jiġu informati. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali. ***L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards.***

Or. en

Emenda 377
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'każ li jiltaqgħu ma' każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards maħruġa minn Stat Membru ieħor fit-territorju tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jiġu informati. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.	5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li f'każ li jiltaqgħu ma' każijiet ta' abbuż jew użu ħażin tal-kards maħruġa minn Stat Membru ieħor fit-territorju tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** jew il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u persuni akbar fl-età*** jiġu informati. L-Istat Membru tal-ħruġ għandu jiżgura segwitu xieraq f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 378
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli dwar il-konformità mal-obbligi li	6. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli dwar il-konformità mal-obbligi li

jirriżultaw mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u mad-drittijiet korrispondenti tal-persuni b'diżabilità li jkollhom dawk il-kards u l-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistent(i) personali tagħhom.	jirriżultaw mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** jew mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u ***persuni akbar fl-età*** mad-drittijiet korrispondenti tal-persuni b'diżabilità ***u persuni akbar fl-età*** li jkollhom dawk il-kards u l-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi l-assistent(i) personali tagħhom.

Or. en

Emenda 379
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.	7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, ***sit web fuq livell tal-UE fil-lingwi kollha tal-UE,*** jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. ***Din l-informazzjoni ma għandhiex taqbeż livell ta' kumplessità ta' B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.***

Or. en

Emenda 380
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.	7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri derivati mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità.***

Or. en

Emenda 381
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.	7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz ta' ***sit web fuq livell tal-UE fil-lingwi kollha tal-UE,*** sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

Or. en

Emenda 382
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.	7. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz ta' ***sit web fuq livell tal-UE fil-lingwi kollha tal-UE,*** sit web uffiċjali tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi xierqa oħra, f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

Or. en

Emenda 383
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sit web li jkun fih l-informazzjoni kollha dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jew il-Karta Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità u, fejn applikabbli, kif wieħed japplika għaliha, f'format aċċessibbli universalment, fil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-lingwa tas-sinjali, faċli biex jinqara u mezzi alternattivi u awmentattivi ta' komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 384
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2) Organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkunu involuti fil-proċess kollu ta' żvilupp, ippjanar, implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni.

Or. en

Emenda 385
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-finanzjament xieraq ikun disponibbli għall-Istati Membri biex ikopri l-kost tal-proċeduri amministrattivi, il-ħruġ fiżiku tal-Kards, l-għoti ta' informazzjoni, u l-kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza kif ukoll kostijiet oħra meħtieġa relatati.

Or. en

Emenda 386
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tinftiehem, mingħajr ma jaqbeż livell ta' kumplessità superjuri għal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni

Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.

Or. en

Emenda 387
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandha tinftiehem, mingħajr ma jaqbeż livell ta' kumplessità superjuri għal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.

Or. en

Emenda 388
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità għandhom jipparteċipaw fil-proċess kollu ta' żvilupp, ippjanar, eżekuzzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni.

Or. en

Emenda 389
Francesca Peppucci, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jkollhom finanzjament adegwat biex ikopru l-kost tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq.

Or. en

Emenda 390
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sit web iddedikata fil-livell tal-UE li jkun fiha informazzjoni rilevanti u aġġornata regolarment dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offruti mill-Istati Membri lid-detenturi tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità. Is-sit web għandu jkun disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE u f'formati aċċessibbli.

Or. en

Emenda 391
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li biżżejjed finanzjament ikun disponibbli għall-Istati Membri biex ikopri l-kost tal-proċeduri amministrattivi, il-ħruġ fiżiku tal-Kard, l-għoti ta' informazzjoni, u l-

kampanja ta' tqajjim ta' kuxjenza, u kostijiet oħra relatati.

Or. en

Emenda 392
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-finanzjament xieraq ikun disponibbli għall-Istati Membri biex ikopri l-kost tal-proċeduri amministrattivi, il-ħruġ fiżiku tal-Kard, l-għoti ta' informazzjoni, u l-kampanja ta' tqajjim ta' kuxjenza, u kostijiet oħra relatati.

Or. en

Emenda 393
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa jj/xx/ss [fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti maħtura biex joħorġu, iġeddu u jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	Sa jj/xx/ss [fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti maħtura biex joħorġu, iġeddu u jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u persuni akbar fl-età***.

Or. en

Emenda 394

Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(7) ***u*** fl-Artikolu 7(7) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 6(7), fl-Artikolu 7(7) ***u fl-Artikolu 15(4)*** għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 395
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ***primarjament, u fil-qafas ta' metodoloġija ta' koproduzzjoni, persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll*** esperti ***rilevanti oħra,*** maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ***Jekk il-persuni b'diżabilità involuti ma jagħmlux dan ix-xogħol f'kapaċità professjonali f'organizzazzjoni ta' persuni b'diżabilità, għandu jiġi pprovdut kumpens monetarju.***

Or. en

Emenda 396
Loucas Fourlas, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ***, kif ukoll persuni b'diżabilità u l-organizzazzjoni rappreżentattivi tagħhom***.

Or. en

Emenda 397
Francesca Peppucci, Rosa Estaràs Ferragut, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ***, kif ukoll persuni b'diżabilità u l-organizzazzjoni rappreżentattivi tagħhom***.

Or. en

Emenda 398
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti	4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti

maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ***, kif ukoll persuni b'diżabilità u l-organizzazzjoni rappreżentattivi tagħhom***.

Or. en

Emenda 399
Ádám Kósa

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ***kif ukoll persuni b'diżabilità u l-organizzazzjoni rappreżentattivi tagħhom***.

Or. en

Emenda 400
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-	4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ***kif ukoll***

Liġijiet.	***persuni b'diżabilità u l-organizzazzjoni rappreżentattivi tagħhom***.

Or. en

Emenda 401
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ***kif ukoll persuni b'diżabilità u l-organizzazzjoni rappreżentattivi tagħhom***.

Or. en

Emenda 402
Jarosław Duda

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.	4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ***, kif ukoll persuni b'diżabilità u l-organizzazzjoni rappreżentattivi tagħhom***.

Or. en

Emenda 403
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ***u għandha formalment, u fi ħdan koproduzzjoni u metodoloġija parteċipattiva, tinvolvi organizzazzjonijiet rappreżentattivi formali u informali ta' persuni b'diżabilità***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Emenda 404
Stelios Kympouropoulos, Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ***u għandha tinvolvi b'mod sinifikanti organizzazzjonijiet rappreżentattivi differenti ta' persuni b'diżabilità***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Emenda 405
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ***u għandha tinvolvi b'mod sinifikanti organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Emenda 406
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) ***Nru 182/2011***.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ***u għandha tinvolvi b'mod sinifikanti organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) ***Nru 182/2011***.

Or. en

Emenda 407
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ***u għandha tinvolvi b'mod sinifikanti organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta'***

persuni b'diżabilità. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Emenda 408
Jarosław Duda

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011**.**	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ***u għandha tinvolvi b'mod sinifikanti organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011

Or. en

Emenda 409
Francesca Peppucci, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ***u għandha tinvolvi persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom***. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Or. en

Emenda 410

Loucas Fourlas, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ***u għandu jinvolvi organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità***.

Or. en

Emenda 411
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – Paragraph 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi sabiex jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva. ***Il-parteċipazzjoni u d-djalogu permanenti ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità għandhom jiġu promossi.***

Or. en

Emenda 412
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) dispożizzjonijiet li bihom il-persuni b'diżabilità jistgħu jieħdu azzjoni skont id-dritt nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva u skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva;	(a) dispożizzjonijiet li bihom il-persuni b'diżabilità ***u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom*** jistgħu jieħdu azzjoni skont id-dritt nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva u skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva;

Or. en

Emenda 413
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi jew assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni ***tagħha***, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.	(b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi ***bħal korpi tal-ugwaljanza*** jew assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet ***b'mod partikolari organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità*** jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni ***tagħhom***, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 414
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi jew assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni tagħha, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.	(b) dispożizzjonijiet li permezz tagħhom korpi pubbliċi jew assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu rrispettati jistgħu jieħdu azzjoni f'konformità mad-dritt u l-proċeduri nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti f'isem il-persuna b'diżabilità ***u persuni akbar fl-età*** jew b'appoġġ għaliha, bl-approvazzjoni tagħha, fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva prevista għall-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 415
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Jenħtieġ li tiġi stabbilita awtorità biex jitwaqqaf mekkaniżmu istituzzjonali biex jimmonitorja u jikkontrolla l-konformità mar-regolamenti relatati mal-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità.

Or. en

Emenda 416
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku b'***mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u aċċessibbli faċilment u f'***formati aċċessibbli. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sit web uniku dedikat, disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE, inklużi l-lingwi tas-sinjali nazzjonali kollha tal-UE għall-kontenut awdjo u vidjo u f'formati aċċessibbli, li jiġbor il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut mill-awtoritajiet pubbliċi tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut minn operaturi pubbliċi u privati fuq is-sit web fejn disponibbli u biex jaġġornaw din l-informazzjoni regolarment skont kwalunkwe tibdil fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.***

Or. en

Emenda 417
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani, Jordi Cañas, Monica Semedo, Atidzhe Alieva-Veli, Dragoş Pîslaru, Irena Joveva, Max Orville, Sylvie Brunet, Marie-Pierre Vedrenne

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku b'***mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u aċċessibbli faċilment u f'***formati aċċessibbli. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sit web uniku ddedikat li jiġbor il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut mill-awtoritajiet pubbliċi tagħhom. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiffaċilitaw l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati fuq is-sit web fejn disponibbli. Is-sit web għandu jkun fil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istati Membri, il-lingwa nazzjonali tas-sinjali u bl-Ingliż kif ukoll kwalunkwe lingwa rilevanti oħra kif determinata mill-Istat Membru.***

Or. en

Emenda 418
Ádám Kósa, Stelios Kympouropoulos, Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli ***(inkluži formati faċli biex jinqraw u vidjows tal-lingwa tas-sinjali nazzjonali b'sottotitoli u vidjows tas-sinjali internazzjonali) fuq pjattaforma ta' informazzjoni aċċessibbli online***.

Or. en

Emenda 419
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli. ***Għal dan il-għan, għandu jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 9.***

Or. en

Emenda 420
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi privati jew l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu informazzjoni dwar kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5 disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli. ***Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi pprovdut finanzjament tal-UE kif imsemmi fl-Artikolu 9.***

Or. en

Emenda 421

Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani, Jordi Cañas, Monica Semedo, Atidzhe Alieva-Veli, Dragoş Pîslaru, Irena Joveva, Max Orville, Sylvie Brunet, Marie-Pierre Vedrenne

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom ***jappoġġaw u*** jħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità ***f'firxa wiesgħa ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet oħra kemm jista' jkun***. ***B'mod partikolari l-Istati Membri għandhom jappoġġaw u jħeġġu lill-operaturi privati u lill-awtoritajiet pubbliċi permezz, inter alia, tal-forniment ta' informazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar kundizzjonijiet speċjali possibbli jew trattament preferenzjali li għandu jiġi offrut u l-għoti ta' taħriġ dwar l-integrazzjoni tad-diżabilità u l-għarfien sabiex jiġu żgurati r-rilevanza, l-effettività u l-inklużività ta' kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri kollha jitwettqu fi shubija ma' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.***

Or. en

Emenda 422
Ádám Kósa

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet	2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet

pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità.	pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità ***u jiżviluppaw linji gwida Ewropej komuni għall-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi privati skont l-Artikolu 5 biex jiġi żgurat b'mod adegwat il-forniment ta' rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882***.

Or. en

Emenda 423
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-operaturi privati jew lill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu b'mod volontarju kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali għall-persuni b'diżabilità ***u persuni akbar fl-età***.

Or. en

Emenda 424
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-forniturі tas-servizzi, tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi	3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż permezz tas-sit web uffiċjali tal-forniturі tas-servizzi, tal-operaturi privati jew tal-awtoritajiet pubbliċi fejn disponibbli, jew b'mezzi

